# KUNSILL LOKALI IR-RABAT
# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA
# MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 74

| | | |
|---|---|---|
| * | **Il-Kunsill iltaqa` nhar**<br>**It-Tlieta 19 ta' Diċembru 2017 fis-7.00 pm**<br>**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** | Data u ħin |
| ** | **PREŻENTI:** | Attendenza |

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

******* **Is-Sindku Charles Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.**

**74.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

74.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija x'jiġu moqrija. — Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**74.2** **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 73**

74.2.1 Il-minuti tas-seduta numru 73 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. — Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 73

**74.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

74.3.1 Is-Sindku informa 'l-laqgħa li l-applikazzjoni sottomessa mill-Kunsill għall-fondi Ewropej taħt Miżura 4.3 *Rural Development Programme 2014 – 2020,* kienet giet magħżula. Is-Sindku qal li s-somma mogħtija lill-Kunsill taħt din il-miżura ser tkun ta' €1,794,476 li tinkludi l-VAT.

Fondi Ewropej taħt Miżura 4.3 *Rural Development Programme 2014 – 2020*

74.3.2 B'referenza għall-korrispondenza dwar il-kors 'Għaqal id-Dar', is-Sindku ppropona li l-Kunsill għandu joffri dan il-kors lir-residenti Rabtin. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament.

Kors 'Għaqal id-Dar'

Il-Kunsill ħatar lis-Sindku Charles Azzopardi u lill-Kunsillier Andrew Mallia biex ikunu l-persuni inkarigati bħala *contact persons* tal-Kunsill.

74.3.3 Is-Sindku informa 'l-laqgħa li dwar l-offerta għall-provvediment ta' servizz ta' *Contracts Manager* – RLC/T/0160/17 kien daħal appell, liema appell kien ġie mirbuħ mill-Kunsill Lokali Ir-Rabat.

Appell dwar l-offerta għall-provvediment ta' servizz ta' *Contracts Manager* – RLC/T/0160/17

74.3.4 Is-Sindku ppreżenta r-rapport tal-kuntrattur tal-Kunsill *Mica Med Ltd* dwar l-istat tas-sistema tad-dawl li hemm f'Misraħ il-Parroċċa.

Rapport dwar is-sistema tad-dawl f'Misraħ il-Parroċċa

Wara diskussjoni li saret, is-Sindku ppropona li l-Kunsill għandu jinvesti f'sistema tad-dawl ġdida. Il-Kunsillier Ian Vassallo ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

** Il-Kunsillier Nazju Cassar u l-Kunsillier Paul Grech daħlu għal-laqgħa fit-7.40 ta' filgħaxija.

**74.4 Ħatra tal-bord tal-għażla għal impjeġat/a fi skala 13**

74.4.1 Is-Sindku talab li issa li nbeda l-proċess sabiex tiġi ingaġġata persuna fi skala 13, jinħatar Bord tal-Għażla. Il-Kunsillier Stephen Borg ippropona li l-Bord ikun kompost mis-Sindku Charles Azzopardi, mill-Kunsillier Ian Vassallo u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna. Orietta Cardona. Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ħatra tal-bord tal-għażla għal impjeġat/a fi skala 13

**74.5 Approvazzjoni tal-Programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani (Jannar – Marzu 2018)**

74.5.1 Is-Sindku ppreżenta l-programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani għall-perjodu bejn Jannar – Marzu 2018 li ħejjiet il-Viċi Sindku Doris Coleiro. Huwa talab lill-Viċi Sindku Doris Coleiro biex tagħti spjegazzjoni aktar fid-dettall tal-programm.

Approvazzjoni tal-Programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani (Jannar – Marzu 2018)

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill japprova l-programm. Issekonda din il-proposta l-Kunsilllier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

**74.6 Proposta mill-kumpanija *Green MT***

74.6.1 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1359/17,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva proposta mill-kumpanija *Green MT*. Huwa qal li tali proposta kienet li jitneħħew ir-*Recycling Bring in Sites* kollha mil-lokalità u minflok tiżdid ġurnata oħra li fiha tinġabar il-borża l-griża u l-kollezzjoni tal-ħġieġ.

Proposta mill-kumpanija *Green MT*

Wara diskussjoni li saret, is-Sindku ppropona li tali talba tiġi milqugħa. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament.

**74.7 Petizzjoni sabiex jigi installat *bollard* fi Sqaq nru 1, Triq Sant' Antnin**

74.7.1 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1081/17,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva petizzjoni miġbura mir-residenti ta' Sqaq Nru 1, Triq Sant' Antnin, fejn dawn qegħdin jitolbu lill-Kunsill sabiex tiġi installata *bollard* fil-bidu tal-isqaq.

Petizzjoni sabiex jiġi installat *bollard* fi Sqaq nru 1, Triq Sant'Antnin

Is-Sindku ppropona li tali talba tiġi milqugħa. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

**74.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduta numru 39**

74.8.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù, seduta numru 39 jittieħdu bħala moqrija. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro issekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduta numru 39

**74.9 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

74.9.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 276 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija skeda tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 276

**74.10 Mozzjoni 00018/17 – 'Mozzjoni biex isir xogħol ta' *resurfacing* li jinkludi s-servizzi flimkien ma' bankini ġodda fejn mhemmx bankini jew tranġar tal-bankini eżistenti**

74.10.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona mozzjoni numru 00018/17 li tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Peter Paul Azzopardi.

Il-mozzjoni għaddiet b'vot unanimu.

Mozzjoni 00018/17 – 'Mozzjoni biex isir xogħol ta' *resurfacing* li jinkludi s-servizzi flimkien ma' bankini ġodda fejn

mhemmx bankini jew tranġar tal-bankini eżistenti

**74.11 Mozzjoni 00019/17 – 'Mozzjoni biex isiru l-laqgħat kollha meħtieġa dwar it-toroq elenkati fil-pjan ta' ħidma li saru sena wara sena u qatt ma sar xogħol fuqhom, jiġu asfaltati. Tali toroq li jinsabu speċifikati fit-*tender* tar-*resurfacing*'**

74.11.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona mozzjoni numru 00019/17 li tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Din il-mozzjoni kienet issekondata l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi.

Il-mozzjoni għaddiet b'vot unanimu.

Mozzjoni 00019/17 – 'Mozzjoni biex isiru l-laqgħat kollha meħtieġa dwar it-toroq elenkati fil-pjan ta' ħidma li saru sena wara sena u qatt ma sar xogħol fuqhom, jiġu asfaltati. Tali toroq li jinsabu speċifikati fit-*tender* tar-*resurfacing*'

**74.12 Mozzjoni 00020/17 – 'Mozzjoni biex isir xogħol ta' *extensive patching* fil-parti tal-Imtaħleb li tinsab fi stat ħażin ħafna'**

74.12.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona mozzjoni numru 00020/17 li tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Din il-mozzjoni kienet issekondata l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi.

Il-mozzjoni għaddiet b'vot unanimu.

Mozzjoni 00020/17 – 'Mozzjoni biex isir xogħol ta' *extensive patching* fil-parti tal-Imtaħleb li tinsab fi stat ħażin ħafna'

**74.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

74.13.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 23 ta' Jannar 2018 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

74.13.2 Il-laqgħa ntemmet fit-8.15 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum .............................. ............ ta'.......................... 2017

| | |
|---|---|
| **(IFFIRMATA)** | **(IFFIRMATA)** |
| **Charles Azzopardi** | **Orietta Cardona** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |